

| |
|--|
| IR-RENJU TAL-BELĠJU |
| STRATEĠIJA U APPOĠĠ tas-SERVIZZ PUBBLIKU FEDERALI |
| ... - Abbozz preliminari ta' liġi li temenda l-Liġi tas-26 ta' Jannar 2018 dwar is-servizzi postali |
| FILIPPU, Re tal-Belġjani, Inselli għal dawk kollha preżenti u li għad iridu jiġu. |
| Fuq il-proposta tal-Ministru għas-Servizzi Postali, |
| ORDNAJNA U B'DAN NORDNAW: |
| Il-Ministru għas-Servizzi Postali huwa responsabbli biex jippreżenta f'isimna lill-Kamra tar-Rappreżentanti l-abbozz ta' liġi li l-kontenut tiegħu huwa kif ġej: |
| Artikolu 1. Din il-Liġi tirregola suġġett imsemmi fl-Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni. |
| Artikolu 2. L-Artikolu 2 tal-Liġi tas-26 ta' Jannar 2018 dwar is-servizzi postali huwa kkompletat bil-punt 28, li huwa fformulat kif ġej: "28. "distributur awtomatiku tal-pakketti": locker awtomatiku biex wieħed jirċievi, jibgħat jew jirritorna pakketti."; |
| Artikolu 3. Fl-Artikolu 3 tal-istess Liġi, il-paragrafu 1 huwa kkompletat bil-punt 9 tiegħu, li huwa fformulat kif ġej: "(9) mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 16, iqassam pakketti f'abitazzjonijiet mġhammra b'kaxxa ta' pakketti, li tikkonforma mar-regolamenti adottati mill-Ministru, fuq proposta tal-Istitut, jew ta' kaxxa postali mqiegħda fit-tarf tat-triq pubblika u faċilment aċċessibbli, li tikkonforma mar-regolamenti adottati mill-Ministru, fuq il-proposta tal-Istitut. Jekk il-pakkett ippreżentat ma jkunx jista' jitqassam fl-indirizz tad-destinatarju, dan għandu jinżamm fil-muniċipalit  jew possibbilment f'post ieħor eqreb tal-indirizz tad-destinatarju, b'dan tal-aħħar jiġi nnotifikat permezz ta' avviż li jitħalla fil-kaxxa, jew, fejn id-destinatarju jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan, b'mod elettroniku. Post ieħor ta' distribuzzjoni jista' jiġi definit ukoll mill-fornitur tas-servizz postali, bi qbil mad-destinatarju.". |
| Artikolu 4. Fl-Artikolu 9 tal-istess Att, isiru l-emendi li ġejjin: |
| 1. fil-paragrafu 1, jiddaħħal il-kliem " , jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli tas-servizzi postali," bejn il-kliem "interessi tal-utenti" u l-kliem "jew jinkoraġġixxu kompetizzjoni reali"; |
| 2. il-paragrafu 1 huwa ssupplimentat bil-paragrafu 2 kif ġej: " L-infrastruttura postali tinkludi l-kaxxi postali u d-distributori awtomatiċi tal-pakketti.". |
| 3. fil-paragrafu 1, jiddaħħal il-kliem " , jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli tas-servizzi postali," bejn il-kliem "interessi tal-utenti" u l-kliem "jew jinkoraġġixxu kompetizzjoni reali". |
| Artikolu 5. Fl-Artikolu 16(1), isiru l-emendi li ġejjin: |
| 1. il-punt 3 huwa mħassar; |
| 2. il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej: |

“ Id-distribuzzjoni tal-oġġetti postali msemmija fl-Artikolu 15, § 1(2) u (3), għandha testendi għad-djar kollha tar-Renju dment li dawn ikollhom kaxxa postali mqiegħda fit-tarf tat-triq pubblika u aċċessibbli, li tkun konformi mar-regolamenti adottati mill-Ministru, fuq proposta tal-Istitut, jew kaxxa tal-pakketti, li tikkonforma mar-regolamenti maħruġa mill-Ministru, fuq proposta tal-Istitut. Jekk il-pakkett ippreżentat ma jkunx jista’ jitqassam fl-indirizz tad-destinatarju, dan għandu jinżamm fil-muniċipalit  jew possibbilment f’post ieħor eqreb tal-indirizz tad-destinatarju, b’dan tal-aħħar jiġi nnotifikat permezz ta’ avviż li jitħalla fil-kaxxa, jew, fejn id-destinatarju jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan, b’mod elettroniku. Dan il-post għandu jkun aċċessibbli mill-inqas  amest ijiem fil-ġimgħa,  lief fil- dud u fil-festi statutorji. Post ieħor jista’ jiġi definit ukoll mill-fornitur tas-servizz universali, bi qbil ma’ destinatarju.”.

Artikolu 6. Din il-Liġi għandha tid ol fis-se h [fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Moniteur belge/DATA].

..., fi ...

Mir-Re:

Il-Ministru għas-Servizzi Postali

Petra DE SUTTERS